MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru. 243/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**MARVIC MERCIECA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marvic Mercieca bin Eucharistico u Rita nee Cassar imwieled fid-9 ta’ Jannar 1984 u residenti 7, Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita Nru 7284G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu 2004 ghall-habta tas-7.30p.m. waqt li kont fi Triq Ta’ Xhajma, limiti Nadur,

1 waqt li kien gewwa vettura Numru EAv 782 zamm jew garr arma tan-nar Numru M232754, ghamla Benelli kkargata u barra mill-ghata taghha;
2 zamm arma tan-nar numru M232754 ghamla Benelli kkargata u barra mill-ghata taghha meta kien anqas min hamsin metru minn triq principali jew arterja;
3 kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar licenzjata biex tintuza ghall-kacca b'magazine li jistgha jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin);
4 garr jew kellu fil-pussess skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2mm f'diametru.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna il-konfiska ta' l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni cioe` lil PC 1075, PC 1376 u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 9 (1h), 2 (a) u (b) u 19 ta' l-Avviz Legali 146/93;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-ewwel zewg akkuzi ma jirrizultawx pruvati u ghalhekk tilliberah minnhom filwaqt li ssibu hati tat-tielet u r-raba akkuzi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmenin  lira Maltin (Lm80);

Tordna wkoll li l-arma esebita minn PC 1075 ghandha tigi konfiskata prezenzjalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------